

— sa fejn l-effetti tal-annullament huma kkonċernati, applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 264 (2) TFUE billi għamlet distinzjoni bejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 52(2)a tar-Regolament Nru 1580/2007 ta' qabel u l-Artikolu 50(3) tar-Regolament Nru 543/2011, minn naħa, u l-Artikolu 60(7) tar-Regolament Nru 543/2011, min-naħa l-oħra, kif ukoll billi tat sentenza li huwa impossibbli li tiġi eżegwita, skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament Nru 543/2011.

- (<sup>1</sup>) 543/2011/UE: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007, tal- 21 ta' Diċembru 2007, li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (ĠU L 350, p. 1).

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2013 minn T & L Sugars Ltd, Sidul Açúcares, Unipessoal Lda mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-6 ta' Ġunju 2013 fil-Kawża T-279/11, T & L Sugars Ltd, Sidul Açúcares, Unipessoal Lda vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-456/13 P)

(2013/C 325/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: T & L Sugars Ltd, Sidul Açúcares, Unipessoal Lda  
rappreżentanti: D. Waelbroeck, avukat, D. Slater, Solicitor

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Ir-Repubblika Franċiża

#### Talbiet tal-appellanti

— tiddikjara dan l-appell ammissibbli u fondat;

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2013 fil-Kawża T-279/11 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") sa fejn tiċħad bħala inammissibbli l-azzjoni tal-appellanti għal annullament u tiċħad l-eċċezzjonijiet relatati tagħha tal-illegalità;

— tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għall-eżami tal-mertu;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

#### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jippreżentaw l-aggravji li ġejjin:

- (1) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li r-regolamenti kkontestati involvew miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE;
- (2) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li r-Regolament 393/2011 (<sup>1</sup>) ma kienx ta' interess individwali għall-appellanti;
- (3) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ħadhet l-eċċezzjoni tal-illegalità, bħala riżultat tal-iżbalji (1) u (2) hawn fuq.

B'riżultat, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja (i) tannulla s-sentenza appellata sa fejn tiddikjara bħala inammissibbli r-rikors għal annullament u tiċħad l-eċċezzjoni tal-illegalità; u (ii) tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali.

- (<sup>1</sup>) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 393/2011, tad-19 ta' April 2011, li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2011 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji (ĠU L 104, p. 39)

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2013 minn GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-3 ta' Lulju 2013 fil-Kawża T-205/12 — GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-494/13 P)

(2013/C 325/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Appellanti: GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH  
rappreżentanti: I. Memmler u S. Schulz, avukati

Partijiet oħra fil-proċeduri: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Villiger Söhne GmbH